# REĠJUN TRAMUNTAdNA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 2 ta' 2023, miżmuma nhar l-15 ta' Frar 2023, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u kwart ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | | President |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | | Membru |
| • Chris Grech | Mosta LC | | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | | Membru |
| • Stephen Gatt | Balzan LC | | Membru |
| • Anne Marie Fenech Adami | Naxxar LC | | Membru |
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | | Membru |
| • Stephen Cordina | Attard LC | (Online) | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Preżenti ukoll kien hemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kristina Camilleri

Membri Skużati:



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 2. AĠENDA

2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
2.3 Komunikazzjoni tal-President;
2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;
2.5 Kumunikazjoni –
2.6 Rapporti;
 2.6.1 Rapport Tal-Bord ta' l-ingaġġ
2.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;
 2.7.1 Waste Collection
 2.7.2 tender evaluation board
  1. CCTV
  2. Risk assesment
  3. Accountant
  4. Infrastructre
  5. Flag Poles
 2.7.3 Project Green
 2.7.4 Diretorju Ġimgha Imqadsa
 2.7.5 Tisjin Milied 2023
 2.7.6 Assistenza Turkija u Sirja
 2.7.7 Kirja ta' l-Ufficju
2.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:00 mil-President, is-Sur Clifford Galea Vella.

### - 2.1 Qari t' Apoloġiji
Stefan Cordina kien skuzat minhabba li kien jinsab imsiefer. Is-Sur Cordina daħal ghal xi hin online.

### - 2.2 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti
Il-minuti tal-laqgħa numru 1 miżmuma f'Jannar 2023 ittieħdu bħala moqrija.
Chris Grech ippropona li jkunu approvati u Alfred Grima issekonda l-mozzjoni.
Il-membri qablu unanimament.

### - 2.3 Komunikazzjoni mil-President

Il-President Clifford Galea Vella informa li mhux ser jattendi għal-laqgħa ta-CEMR li ser iseħħ fil-Polonja.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

- **2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri**

- **2.5 Komunikazzjoni**

- Il-President Clifford Vella informa li membri li rċieva komunika mingħand l-AKL rigward Angelo Anthony Attard fej ingħata twissjija rigward l-imġiebgħa tiegħu.

- Il-President Clifford Vella ġie infurmat min Alfred Grima li il-proġett Ring Fencing ġie approvat u ġie allokat €4.5 miljun u issa jrid jkompli jaddi d-devolution

- Talba ta' assistentza mill-paroċċa ta' Burmarrad rigward PR fuq il-festa u għadda l-informazjoni. Ser issir reklam fuq il-fuljett tal-festa.

- AKL bagħtu proposta fejn irekomandaw biex titħalas l-ACR (Assostiation Counsils and Regions) ser ssir verifika qabel ma titħallas peress li Kunsill San Pawl il-Baħar jista jkun li ħalsuha.

- Ladies Cutural Club ta Attard talbu asistenza sabiex jagħmlu First Aid Courses u il-membri qablu li jiġu susidjati elf euro .

- SEA ( Stratigic Environmental Assestment ) rigward l-ambjent fejn ser jaħdem Bjorn Bonello u li fil-gimgħat li ġejjin ser jattendi laqgħa u il-membri ser jkunu infurmati.

- Is -Segretarju Eżekuttiv komunika u l-engineer sabiex ssir revision tat-Tender ta l-Street Lighting, il-membri iddiskutew u Chris Grech propona sabiex tizdied parti fit-tender fuq dwal għal-ġonna. Il-Membri qablu li jinħarġu żewġ Tenders wieħed fuq Street Lighting u ieħor fuq dwal Dekorattiv. Kull Kunsill Lokali huwa mistenni li jinforma lir-Reġjun Tramuntana dwar id-deċiżżjoni tiegħu jekk hux se jipparteċipa jew le fil-ħruġ ta' din is-sejħa pubblika.

- Il-President Clifford Vella presenta komunika fejn Chris Grech propona li hemm Banda li tixtieq tagħmel ġemellaġ u idoqq barra min Malta il-membri qablu li nireferuħa għal fond li ngħata l-Kunsill

- Il-President Clifford Vella propona Reġional Project Bill Board sabiex jsiru f'kull Local għal l-użu għal Lokal u jsir riklamar għar-Reġjun, sekondat Anne Marie Fenech Adami. Il-membri qablu unanimament.

- Il-President Clifford Vella propona li s- Segretarju Eżekuttiv jaħdem fuq il-proċess li tinħadem Bylaw fuq Street Furniture Reġjonali f'isem il-Reġjun sekondat Anne Marie Fenech Adami. Il-membri qablu unanimament. Is-SE ghandu jara x'hemm esistenti fir-regjun, fkull Kunsill u jara din tistax issir. Alfred Grima u John Buttigieg qalu li il-kunsilli taghhom ghandom diga arrangamenti fuq din il-materja.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

- **2.6 Rapporti**

- 2.6.1 Rapport tal-Board ta' l-ingaġġ fejn fil-board kien hemm Paul Vella, Trevor Fenech, Clifford Galea u George Abdilla, ġie preżentat ir-rapport ta l-ingaġġ u Anne Marie Fenech Adami proponiet li tiġi approvata u ġiet sekondata min Alftred Grima, Il-membri qablu unanimament. Marcon Borg Caruana ser tkun qed tibda mar-Regjun bħala Cultural Manager.

**2.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;**

**2.7.1 Waste Collection –** Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li ħa jiżdied addendum addizjonali dwar il-bins on wheels. U il-membri komplew jiddiskutu bejnietom il-problemi fuq it-tender.

Trevor Fenech kellu jitlaq 7:25
Paul Vella kellu jitlaq 7:31

**2.7.2 Tender Evaluaion Board-** Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li jridu jiġu allokati membri tal-board għal Tenders li ġejjin
**CCTV** l-Engineer Galea Curmi, Bjorn Bonello, Chris Grech
**Risk Assestment** Kyle Mifsud, Bjorn Bonello, John Buttigieg
**Accountant** Elisa Frosi, Bjorn Bonello, Kristina Camilleri
**Infrastructure** Chris Grech, Bjorn Bonello, Paul Vella
**Flag Poles** Trevor Fenech, Bjorn Bonello, Elisa Frosi.

**2.7.3 Project Green-** ir-Reġjun Tramuntana qed jassisti erba Kunsilli Lokali f'ħames proposti fejn qed jiġi pjanat sabiex jitieħdu fondi sa 95% għal-ispejjes ta dawn il-ġonna / żoni publiċi. Il-postijiet proposti huma tnejn ġo San Pawl il-Baħar, waħda fin-Naxxar, waħda fil-Mellieħa u oħra fl-Mtarfa.

**2.7.4 Diretorju Gimgha Imqadsa-** Il-President Clifford Galea Vella wera ktieb żgħir fejn jkun direttorju u jibqaw fuq il-kunċett tradizzjonali. Segretarju Eżekuttiv ser jintbgħat din il-komunika permezz ta' l- email.

**2.7.5 Tiżjin Milied –** Il-President, is-Sur Galea semma li ser ikun qed jara li ghal-din s-sena ikun hemm tizjin regjonali gahl-kunsilli kollha.

**2.7.6 Assistenza Turkija u Sirja –** Saret kolaborazzjoni mal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar flimkien ma l-iskejjel u inbagħtu ħafna affarijiet.

**2.7.7 Kirja ta' l-Ufficju –** id-diskusjoni ser titella fil0-laqgha li jmiss.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## - 2.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 158 kienet ippreżentata. Kyle Mifsud ippropona li tkun approvata. John Buttigieg ssekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## - 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun Nhar it-Tnejn, 13 ta' Marzu 2023, fis-sitta ta' filgħaxija.

Clifford Galea
President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, it-Tnejn 13 ta' Marzu 2023



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt